DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 21/2012

tal-10 ta' Frar 2012

li temenda l-Anness X (Servizzi inġenerali) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness X ta' mal-Ftehim kien emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 97/2011 tat-30 ta' Settembru 2011 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/130/UE tal-25 ta' Frar 2011 li tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-ipproċessar transkonfinali ta' dokumenti ffirmati elettronikament minn awtoritajiet kompetenti skont id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi fis-suq intern ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt segwenti jiddaħħal wara l-punt 1b (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/767/KE) tal-Anness X ta' mal-Ftehim:

"1c. **32011 D 0130**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/130/UE tal-25 ta' Frar 2011 li tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-ipproċessar transkonfinali ta' dokumenti ffirmati elettronikament minn awtoritajiet kompetenti skont id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 53, 26.2.2011, p. 66)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni 2011/130/UE bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-11 ta' Frar 2012, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
L-Aġent President
Gianluca GRIPPA

([1]) ĠU L 318, 1.12.2011, p. 35.
([2]) ĠU L 53, 26.2.2011, p. 66.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.